# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 804/12/1 MCH**

**The Performing Right Society Limited ta' Londra, l-Ingilterra, rappreżentata lokalment mill-aġent tagħha Dingli Co. International Limited (C-7692)**

**v.**

**Karl Borg, bħala uniku proprjetarju tad-ditta Karl Borg Events, Roy Steer; u Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetham u Jennifer Farrugia bħala soċji tas-soċjetà ċivili bl-isem RS and Partners**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Borg (minn issa «l-appellant») kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ġunju 2018.

2. Il-fatti tal-każ rilevanti għal dan l-appell jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

3. L-attriċi hija soċjetà li għandha bħala l-iskop tagħha l-amministrazzjoni kollettiva ta' diversi drittijiet tal-awtur. Jirriżulta li fit-3 ta' Awwissu 2010, ġie organizzat kunċert mużikali bit-titlu "Rod Stewart", li nżamm fil-Furjana. Waqt dan il-kunċert, indaqqu diversi biċċiet mużikali li kienu protetti minn drittijiet tal-awtur vestiti fl-attriċi. Qabel inżamm il-kunċert, l-appellant kien talab lill-attriċi liċenzja sabiex waqt dan il-kunċert tindaqq ċertu mużika, u din il-liċenzja ġiet mogħtija fil-11 ta' Ġunju 2010. Fuq it-talba sabiex tingħata din il-liċenzja, l-appellant indika lilu nnifsu bħala "licensee"[1]. Ma jidhirx li meta huwa resaq lejn l-attriċi biex jitlobha din il-liċenzja, huwa għarrafha li kien qed jaġixxi f'xi kwalità partikolari – anzi, jidher li semma d-ditta tiegħu "Karl Borg Events"[2]. L-attriċi tgħid li kien biss fid-29 t'Awwissu 2010, u ċjoè wara l-kunċert, li l-appellant kien semma lil xi ħaddieħor dwar l-organizzazzjoni tal-kunċert. Wara li l-appellant indika lill-konvenut Roy Steer, l-attriċi bdiet tikteb lilu wkoll b'rabta mal-ħlas li kien dovut lilha skont il-liċenzja mogħtija. Il-konvenut Steer ma weġibx minnufih, imma biss fit-13 ta' Jannar 2011, permezz tal-avukat tiegħu, fejn huwa qal li huwa kien biss institur dwar l-organizzazzjoni tal-kunċert, taħt ftehim bil-miktub[3] li huwa kellu mal-organizzaturi, u ċjoè l-konvenuti l-oħrajn.

---

[1] Ara fol.50.
[2] Ara x-xhieda bl-affidavit ta' Charmaine Briffa, a fol.94.
[3] Ara fol.118.

4. Peress li l-ħlas dovut baqa' ma sarx, l-attriċi nterpellat lill-appellant u lill-konvenuti l-oħrajn għall-ħlas[4]. Il-ħlas baqa' ma sarx u għalhekk b'rikors ġuramentat preżentat fid-9 t'Awwissu 2012, l-attriċi talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

> "(i) Tillikwida l-ammont dovut lis-soċjetà rikorrenti mill-intimati jew min minnhom bħala 'royalties' ai termini tal-liċenzja datata 11 ta' Gunju 2010 numerata P 011300 maħruġa mill-istess soċjetà rikorrenti a favur ta' Karl Borg Events li permezz tagħha ġiet awtorizzata l-esekuzzjoni fil-pubbliku tax-xogħlijiet mużikali kollha tutelati bid-drittijiet tal-awtur, u vestiti fis-soċjetà rikorrenti u fis-soċjetatjiet affiljati magħha; u
>
> (ii) Tikkundanna lill-istess intimati jew min minnhom sabiex jħallsu lis-soċjetà rikorrenti l-ammont hekk likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tad-domanda preċedenti bl-imgħaxijiet legali mit-3 ta' Awwissu 2010 sad-data tal-ħlas effettiv;
>
> (iii) In difett, u subordinatament, ma għandux jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-intimati jew min minnhom ittrasgredixxew id-drittijiet tal-awtur vestiti fis-soċjeta rikorrenti u fis-soċjetajiet affiljati magħha fir-rigward tax-xogħlijiet mużikali elenkati fil-lista tax-xogħlijiet (Dokument PRS-5) u dana permezz tal-esekuzzjoni fil-pubbliku tal-istess xogħlijiet illi seħħet fil-kunċert mużikali titolat "Rod Stewart" organizzat mill-istess intimati jew min minnhom fuq il-Fosos tal-Furjana fit-3 ta' Awwissu 2010;
>
> (iv) Ma għandhomx jiġu likwidati dawk id-danni kollha sofferti mis-soċjeta rikorrenti minhabba l-fuq imsemmija trasgressjoni tad-drittijiet tal-awtur fix-xogħlijiet mużikali vestiti fiha kif ukoll fis-soċjetajiet affiljati magħha da parti tal-intimati jew min minnhom; u
>
> (v) Ma għandhomx l-intimati jew min minnhom jiġu kkundannati minn din l-Onorabbli Qorti sabiex iħallsu lis-soċjetà rikorrenti dawk id-danni kollha likwidati minn dina l-istess l-Onorabbli Qorti ai termini tad-domanda preċedenti.
>
> Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali ippreżentata mis-soċjetà rikorrenti kontra l-intimati fl-1 ta' Marzu 2011 kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1191/2012 illi qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment kontra l-intimati jew min minnhom u illi qegħdin jiġu inġunti minn issa stess sabiex jidhru għas-subizzjoni."

[4] Ara fol.63.

5. L-appellant wieġeb fis-26 ta' Ottubru 2012[5], billi eċċepixxa:

"1. Illi preliminarjament l-esponent Karl Borg mhux leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi kif dedotti f'dina l-kawża u dan minħabba illi ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u bejn s-soċjetà attriċi peress illi hu kien awtorizzat jaġixxi sempliċiment bħala mandatarju ta' Roy Steer għan-nom ta' RS&Partners (dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. KB1) sabiex jiġi organizzat dan il-kunċert mużikali. Għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Illi l-esponent Karl Borg kien inkarigat minn Roy Steer għan-nom ta' RS&Partners bħala mandatarju fil-ftehim sabiex tinħareġ il-liċenzja neċessarja mingħand is-soċjetà attriċi sabiex ikun jista' isir l-kunċert imsemmi u f'dan ir-rigward qatt ma aġixxa f'ismu iżda dejjem f'isem RS&Partners u għaldaqstant l-obbligi li gew ikkuntrattati mas-soċjetà attriċi ma ġewx ikkuntrattati f'isem l-esponent Karl Borg imma f'isem RS&Partners.

3. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti billi mhuwiex minnu illi l-esponenti Karl Borg huwa debitur tas-soċjeta attriċi.

4. Salv eċċezjonijiet ulterjuri."

6. Il-konvenut Roy Steer wieġeb fit-30 ta' Jannar 2013[6] billi qal hekk:

"Illi fl-ewwel lok, trid tingieb il-prova illi gew prezentati lill-pubbliku "diversi xoghlijiet muzikali tutelati bid-drittijiet tal-awtur vestiti fis-socjeta rikorrenti u f'Collecting Societies ohra affiljati maghha" kif allegat mis-socjeta attrici. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici trid iggib il-prova illi hija ghandha l-awtorita illi tigbor id-drittijiet tal-awtur ghax-xoghlijiet li huma vestiti f'Collecting Societies ohrajn.

Illi subordinatament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim esebit bhala Dok. 'PRS-3' huwa res inter alios acta ghall-esponenti u ma jaghmilx stat fil-konfront tieghu.

Illi subordinatament ukoll u bla pregudizziu ghas-suespost, il-ftehim anness u esebit bhala Dok. 'PRS-3' u t-Tariffa anessa u esebita bhala Dok. 'PRS-4' mar-rikors promotur jikkontravjenu l-artikolu 9 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk huma ipprojbiti u

[5] Ara fol.80.
[6] Ara fol.87.

ghaldaqstant, ghandha tigi applikata l-procedura kkontemplata fl-artikolu 27 tal-istess Kapitolu 379.

Illi subordinatament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, il-esponent mhuwiex il-legittmu kontradittur stante illi huwa gie imqabbad mill-konvenuti l-ohra, tranne Karl Borg, sabiex jiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-kuncert in kwistjoni u ma kienx il-promotur tal-istess kuncert jew responsabbli ghall-oneri finanzjarji tal-istess kuncert u dan kif ser jigi ippruvat.

Illi fil-mertu, u bla pregudizju ghas-suespost, talvolta jigi determinat illi xi ammont huwa dovut lis-socjeta attrici, trid issir likwidazzjoni ta' tali ammont dovut skont ilbejgh tal-biljetti tal-kuncert de quo.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

7. Il-konvenuti l-oħrajn ukoll ikkontestaw il-kawża permezz ta' risposta ġuramentata waħda li ġiet imressqa fis-7 ta' Settembru 2012[7], u li biha qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

"Illi in linea preliminari, l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradditturi tas-socjeta attrici nomine u ma ghandhom ebda relazzjoni guridika maghha.

Illi bla pregudizzju u in linea preliminari wkoll is-socjeta attrici trid taghti prova li Rod Stewart huwa membru tas-socjeta mandanti The Performing Right Society Limited ta' Londra, l-Ingilterra, jew membru ta' socjeta affiljata mal-istess socjeta mandanti.

Illi bla pregudizzju s-socjeta attrici nomine trid tipprova d-dritt taghha li tigbor xi somma gialadarba, sa fejn jafu l-eccipjenti, kien l-awtur innifsu Rod Stewart li kanta x-xoghlijiet muzikali elenkati fid-Dok. PRS5 ezebit mar-rikors guramentat u thallas ghas-saldu d-drittijiet tieghu.

Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet attrici, l-ammont reklamat mis-socjeta attrici nomine fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1191/12 imsemmi minnha u prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat odjern huwa assurd u esagerat tenut kont li dan suppost huwa bbazat fuq sitta fil-mija (6%) tad-dhul mill-biljetti mibjugha ghal kuncert in kwistjoni.

Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, it-tielet, raba' u hames talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in vista tal-ftehim ezebit bhala

[7] Ara fol.73.

> Dok. PRS3 ezebit mill-istess socjeta attrici nomine u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
>
> Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz l-istess tielet, raba' u hames talbiet huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili."

8. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2018, li biha ddeċidiet hekk:

> "Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chatham u Jennifer Farrugia bhala socji tas-socjeta civili bl-isem RS and Partners li mhumiex legittimi kontraditturi tas-socjeta attrici u ma ghandhom ebda relazzjoni guridika maghha, kif ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Roy Steer, li l-ftehim PRS-3 huwa res inter alios acta ghalih u ma jaghmilx stat fil-konfront tieghu u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> Tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici, limitatament fil-konfront tal-konvenut Karl Borg, u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-istess konvenut Borg, salv id-dritt ta' rivalsa li l-istess Karl Borg jista' jkollu fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.
>
> Tillikwida u tikkundanna lill-konvenut Karl Borg ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €23,087 (VAT inkluz) bhala drittijiet dovuti lilha in konnessjoni mal-kuncert ta' Rod Stewart. Bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu, 2011.
>
> Tastjeni milli tiehu konjiizzjoni tat-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici, u tal-bqija tal-eccezzjonijet tal-konvenuti.
>
> Spejjez ghall-konvenut Karl Borg, b'dan illi l-ispejjez tal-konvenuti l-ohra ghandhom jibqghu a karigu tas-socjeta attrici."

9. Kif ingħad, il-konvenut Borg appella minn din is-sentenza b'rikors preżentat fl-4 ta' Lulju 2018 li bih talab lil din il-Qorti «*tilqa' dan l-appell b'dana illi tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-14 ta' Ġunju 2018 fl-ismijiet fuq premessi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u minflok*

*tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu konformement ma' dak sottomess fil-preżenti appell, bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-partijiet l-oħra*».

10. Wieġbu bil-miktub biss il-konvenuti li huma soċji fis-soċjetà ċivili RS and Partners fit-30 ta' Lulju 2018, fejn taw ir-raġunijiet li għalihom skont huma għandu jiġi miċħud l-appell. Inżamm smigħ fl-4 ta' Lulju 2024 fejn il-Qorti semgħet sottomissjonijiet bil-fomm, u l-appell ġie mħolli għal-lum sabiex jiġi deċiż.

11. L-appellant essenzjalment jiddeduċi aggravju wieħed kontra s-sentenza appellata, u ċjoè dak li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza kif imiss il-provi prodotti quddiemha, u li għamlet valutazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi għall-fatti tal-każ. Huwa jilmenta li fiċ-ċirkostanzi emerġenti mill-provi, l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi li kien suffiċjentement ċar għall-attriċi li l-appellant kien qed jaġixxi f'isem ħaddieħor meta talab għal-liċenzja li tikkostitwixxi l-bażi tal-kawża odjerna. Sussidjarjament imbagħad fl-istess aggravju l-appellant ikompli jgħid li f'kull każ irriżultat ir-ratifika min-naħa tal-mandanti tiegħu *ex post facto* u dan kellu jwassal biex huwa jinħeles mit-talbiet tal-attriċi.

12. Fir-risposta tagħhom il-konvenuti soċji fis-soċjetà RS and Partners jiċċitaw ġurisprudenza li tgħid li din il-Qorti, bħala qorti ta' reviżjoni, toqgħod lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-qrati

tal-ewwel istanza, u fl-assenza ta' motivi gravi u serji m'għandhiex ħlief tikkonferma dak l-apprezzament[8]. Iżda din il-ġurisprudenza hija superata llum u l-prinċipju viġenti huwa kif ġej:

> "Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.[9]"

13. Dan ifisser li huwa d-dmir ta' din il-Qorti li, meta tiġi biex tikkunsidra l-appelli li jiġu quddiemha, twettaq apprezzament awtonomu tal-provi prodotti biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

14. Ikkunsidrati l-fatti emerġenti mill-provi, din il-Qorti ma tistax ma tikkondividix il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-ewwel istanza fis-sens li l-appellant naqas għal kollox milli jindika kif imiss lill-attriċi li huwa kien qed jaġixxi f'isem ħaddieħor. Għalkemm fix-xhieda mogħtija minnu bl-affidavit[10], l-appellant jgħid li huwa qal lill-attriċi b'mod ċar li l-kunċert ma kienx organizzah hu, id-dokumenti ffirmati mill-appellant biex jikseb il-

[8] ***Joseph Cini v. George Wells*** (Appell Superjuri, 15/11/2004) u ***Phyllis Ebejer et v. Joseph Aquilina*** (Appell Superjuri, 10/1/1995 – Kollezz. Vol.LXXIX.ii.248), fost oħrajn.
[9] ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dott. Joseph Muscat – Prim Ministru et*** (Appell Superjuri, 14/12/2018).
[10] Ara fol.363.

liċenzja neċessarja mingħand l-attriċi jgħidu mod'ieħor. F'kunflitt bejn il-kitba u x-xhieda, għandha dejjem tipprevali l-kitba, salv dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li huma identifikati fil-ġurisprudenza[11] u li fil-każ odjern ma jikkonkorrux. F'kull każ l-appellant jikkontradixxi lilu nnifsu fl-istess affidavit meta mbagħad jgħid: «*U fil-fatt filwaqt li jiena dejjem tkellimt magħha bħala Karl Borg jew bħala Karl Borg Events...*».

15. Hija ġurisprudenza paċifika illi:

> "Hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f' isem ħaddieħor, jew, jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor raġjonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f' isem ħaddieħor ……. F' dan il-każ ma jirriżultax sodisfaċentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta' attriċi *a tempo vergine* ġab a konjizzjoni tagħha li hu kien qiegħed jixtri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' u li din is-soċjeta' biss kienet obbligata għall-ħlas[12]"

16. L-appellant isostni li l-attriċi kienet taf jew kien imissha kienet taf li huwa kien qed jaġixxi f'isem ħaddieħor, u jagħmel riferenza għax-xhieda ta' Charmaine Briffa fejn din qalet li ħadet viżjoni ta' tagħrif fuq sit elettroniku dwar il-kunċert li kien juri li dan il-kunċert kien qiegħed jiġi organizzat mis-soċjetà RS and Partners. Dan jista' jkun minnu, però ma jġibx fix-xejn l-obbligu ta' kull persuna li tkun beħsiebha tidħol għal xi kuntratt li tindika bl-aktar mod ċar u espress il-kwalità li fiha beħsiebha

[11] ***Carmelo Morana v. Nutar Dr Joseph Spiteri et*** (Appell Superjuri, 26/5/1952 - Kollezz. Vol.XXXVI.i.119).
[12] ***Frank Cilia noe v. Charles Scicluna***, Kummerċ, 27/4/1992 (Kollezz. Vol.LXXVI.iv.673). Fl-istess sens hemm id-deċiżjonijiet ***Charles O'Flaherty noe v. Joseph Micallef*** (Kummerċ, 24/6/1987); ***Charles Mizzi v. Teddy sive Edward Borg*** (Kummerċ, 10/5/1990); ***Amal Aluminium Works Ltd v. Carmel Ebejer*** (Prim'Awla, 20/1/2004).

tidħol għall-istess kuntratt. Wara kollox, skont l-Artikolu 998 tal-Kodiċi Ċivili:

> "Għandu jitqies illi wieħed wiegħed jew ftiehem għalih innifsu, għall-werrieta tiegħu, u għal dawk illi minnu ġejjin il-jeddijiet tagħhom, meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim."

17. Mela l-kuntrarju, u ċjoè li wieħed mhux jiftiehem għalih innifsu, għandu jkun stabbilit **espressament** mil-liġi jew mill-partijiet fil-ftehim, u mhux leċitu li wieħed jipprova jasal għall-konklużjoni kuntrarja b'inferenzi jew konġetturi. Kif osservat fid-deċiżjoni ***Korporazzjoni Enemalta v. Tabone Computer Centre Ltd*** (Appell Superjuri, 25/4/2008): «*...meta jkun hemm persuna li qed tittratta ma' terzi, kif fil-kawża in eżami kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, huwa l-obbligu ta' din il-persuna li tindika bl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi, f'isem liema soċjetà hija tkun qegħda titratta*». Wara kollox, kulma kellu jagħmel l-appellant meta ġie biex jitlob il-liċenzja mingħand l-attriċi kien li jindika l-vesti tiegħu ta' rappreżentant. La m'għamilx hekk, irid issa jġorr il-konsegwenzi ta' dak in-nuqqas tiegħu, u l-konsegwenza ewlenija hija li l-obbligazzjonijiet naxxenti mil-liċenzja mogħtija mill-attriċi jinkombu fuqu personalment.

18. L-obbligu ta' kull persuna li tindika lit-terzi l-kwalità tagħha ta' rappreżentant b'mod ċar u espress (u mhux jittama li t-terz jintebaħ b'inferenzi jew inkella minn tfittix li jagħmel *di marte proprio*) huwa aktar impellenti fil-kummerċ. Dan għaliex l-Artikolu 54(1) tal-Kodiċi tal-

Kummerċ jobbliga lir-rappreżentant mhux biss li jgħarraf lit-terz bil-kwalità tiegħu ta' rappreżentant, iżda wkoll li jagħtihom kull informazzjoni dwar fejn jaslu s-setgħat tiegħu. Obbligu dan li l-appellant naqas minnu wkoll la darba huwa lanqas biss indika lill-attriċi, b'mod ċar u espress kif kien mistenni minnu, li huwa kien qed jaġixxi bħala rappreżentant ta' ħaddieħor.

19. L-appellant imbagħad ikompli l-aggravju tiegħu billi jagħmel riferenza għall-Artikolu 1880 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk:

> "1880. (1) Il-mandant għandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkuntratta skont is-setgħat li huwa jkun tah.
>
> (2) Hu mhux obbligat għal dak li l-mandatarju jkun għamel barra mil-limiti ta' dawk is-setgħat, ħlief jekk hu jkun irratifika espressament jew taċitament dak l-għemil."

20. L-appellant jgħid li kien hemm ratifika espressa min-naħa tal-konvenut Steer permezz ta' dokument li ġie eżebit mill-attriċi stess, u li jgħid, fost ħwejjeġ oħra: «*Our Logistic Manager is Mr Karl Borg ... Who is also authorised to act on our behalf in relation to any logistics, permits and licens required in this regard*»[13]. Jgħid li bis-saħħa ta' din ir-ratifika, hemm l-obbligu tal-mandanti tiegħu li jħallsu lill-attriċi huma.

21. Il-Qorti qabel xejn tinnota li dan id-dokument la huwa datat u lanqas ma huwa ffirmat mill-konvenut Steer. Jidher li dan id-dokument ġie

[13] Ara fol.115.

provdut lill-attriċi mill-appellant wara l-kunċert[14]. Madanakollu m'hemmx dubju li l-appellant iffirma l-applikazzjoni għal-liċenzja mingħand l-attriċi fl-interess tal-organizzazzjoni tal-kunċert, bl-approvazzjoni tal-konvenut Roy Steer[15] li kien l-institur imqabbad mill-konvenuti l-oħrajn, soċji fis-soċjetà RS and Partners.

22. Madanakollu, l-Qorti ma tqisx li l-Artikolu 1880(2) huwa applikabbli. Dan mhuwiex il-każ ta' azzjoni magħmula mill-mandatarju lil hinn mil-limiti tal-mandat tiegħu. Huwa hemmhekk li r-ratifika tal-mandant issir rilevanti. Dan huwa każ ta' mandatarju li aġixxa fil-limiti tal-mandat tiegħu, li però m'avżax lit-terz li miegħu ftiehem dwar il-kwalità tiegħu ta' rappreżentant, bil-konsegwenza li assuma personalment l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-ftehim tiegħu ma' dak it-terz.

23. Għaliex dak li għamel il-mandatarju (f'dan il-każ, l-appellant) jidher li sar fil-limiti tal-mandat tiegħu (almenu skont ma xehed il-konvenut Roy Steer), japplika mbagħad l-Artikolu 1881. U jekk dak li sar mill-mandatarju sar lil hinn mil-limiti tal-mandat, hemmhekk isir rilevanti jekk kienx hemm ratifika jew le min-naħa tal-mandant. Dawn però huma kwistjonijiet purament interni bejn il-konvenuti kollha, li mhumiex il-meritu tal-kawża odjerna li kienet limitata għad-determinazzjoni dwar min mill-konvenuti kien gravat bl-obbligazzjoni li jħallas lill-attriċi għall-għoti tal-liċenzja

[14] Ara x-xhieda bl-affidavit ta' Charmaine Briffa, a fol.96.
[15] Ara x-xhieda in kontroeżami tal-konvenut Steer, a fol.576-577.

sabiex jindaqqu l-biċċiet mużikali in kwistjoni. Obbligazzjoni li, kif rajna, *vis-à-vis* l-attriċi ġiet assunta biss mill-konvenut, salv u impreġudikat naturalment kull dritt ta' rigress li huwa jista' jkollu fil-konfront tal-konvenuti l-oħrajn, liema riserva l-Ewwel Qorti korrettement għamlet fis-sentenza appellata.

24. Għalhekk l-aggravju tal-konvenut appellant huwa infondat.

25. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu u tikkonferma fl-intier tagħha s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da